MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 12/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Edel M. Camilleri)
Vs**

**Gerreda Murad**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Mejju 2005 u dati ta' wara, ghal habta tad-disgha ta' filghaxija u hinijiet ta' wara, meta kien detenut fl-Accommodation Centre, Floriana,**
**1) ikkommmetta harba mill-post tal-kustodja, liema harba saret bi ksur ta' dan il-post tal-kustodja u dan bi ksur tal-Artiklu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
2) sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u cioe' mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fis-7 t'Ottubru 2003, mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D.

fl-24 ta’ Novembru 2003 kif ukoll mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL.D. fil-25 ta’ Novembru 2003, u dan bi ksur tal-Artiklu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 152 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Jannar, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w akkuza w, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi ssib lill-appellant hati taht l-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 u tapplika sentenza karcerarja li ma ghandhiex tkun ta’ aktar minn sena habs bhala massimu.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tas-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2006, li bih, in linea preliminari, eccepiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell, billi dan gie prezentat *“Fil-Qorti tal-Appell”* li hija Qorti differenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Inoltre t-talba li saret bir-rikors tas-27 ta’ Jannar, 2006, (fol. 17) kienet gja saret u giet milqugha *seduta stante* fis-17 ta’ Jannar, 2006. (Fols. 15 u 16)**

**Rat il-verbal ta’ Dr. Angelo Farrugia ghall-appellant li bih iddikjara li r-rikors tas-27 ta’ Jannar, 2006, kien sar minnu, meta assuma il-patrocinju tal-appellant, li quddiem l-Ewwel Qorti kien patrocinat minn avukat iehor, f’ kaz li ma kienetx intalbet mill-appellant is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza appellata dak in-nhar tas-sentenza w ghalhekk issa jidher li hu superfluwu.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-pregiudizzjali rigwardanti n-nullita’ tar-rikors tal-appell stante l-izball fl-intestatura tal-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi bhala fatt il-Prosekuzzjoni ghandha ragun tirrileva li r-rikors tal-Appell igib intestatura ta' Qorti differenti minn din ghaliex il-Qorti ta' l-Appell hija dik il-Qorti kostitwita bl-artikolu 3 tal-Kap.12. b'gurisdizzjoni generali fuq materji ta' appelli civili (art. 34) u appelli li jsiru quddiemha skond diversi ligijiet specjali li jaghtu dritt ta' appell lil dik il-Qorti. Invece l-Qorti tal-Appell Kriminali hija dik il-Qorti specjali desinjata bil-ligi fil-Kodici Kriminali (art. 417 u 418 ) biex tisma' appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali w biex tisma appelli taht it-Titolu V minn decizjonijiet tal-Qorti Kriminali (art. 498). Ghalhekk ma hemmx dubju li l-intestatura fir-rikors tal-appell odjern hija wahda zbaljata w tirriferi ghall-Qorti ghal kollox differenti.**

**Illi l-Prosekuzzjoni qeghdha ghalhekk tinvoka n-nullita' ta' l-appell ghax gie prezentat f' Qorti zbaljata w iccitat sentenzi ta' din il-Qorti fejn giet milqugha eccezzjoni ta' din l-indoli (ara. "**"Il-Pulizija vs. Anthony Abdilla" **[9.1.1989],** "Il-Pulizija vs. Nazzareno Paul Portelli" **[20.11.1989] u ohrajn.)**

**Illi pero' fil-kors tat-trattazzjoni Dr. Farrugia ghall-appellant talab il-korrezzjoni tar-rikors tal-appell billi wara l-kliem "*Qorti tal-Appell"* tidhol il-kelma *"Kriminali"* .**

**Rat illi l-Prosekuzzjoni opponiet ruha ghal din il-korrezzjoni.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi bl-Att XXII tas-sena 2005, giet emendata id-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali li tistipula liema artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili huma applikabbli ghall-Qrati ta' Gudikatura Kriminali w dik l-emenda**

**rrendiet l-artikolu 175 tal-Kap. 12 ukoll applikabbli ghall-Qrati ta' Gudikatura Kriminali.**

**Illi l-artikolu 175(2) jiddisponi *li "kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f' kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll kull zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata , jew f' dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata".***

Illi fid-dawl ta' din l-emenda recenti, din il-Qorti tara li t-talba ghal korrezzjoni tar-rikors tal-appell odjern ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, fil-waqt li tiddeplora l-leggerezza w nonkuranza li bihom ta' sikwiet qed jigu abbozzati u redatti l-atti quddiemha b' mod li jkunu jikkontjenu zbalji manifesti w banali, tilqa' t-talba ghal korrezzjoni w tordna li wara l-kliem *"Qorti tal-Appell"* fl-intestatura tar-rikors tal-appell tizdied il-kelma *"Kriminali*", tirrespingi l-pregudizzjali tal-Avukat Generali tan-nullita' tar-rikors tal-appell w tordna ghalhekk li l-kawza titkompla fis-seduta tal-lum bit-trattazzjoni dwar il-mertu.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------